MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 383/2011

**Appell Numru: 383/2011**

**Il-Pulizija
Vs
Mario Manicaro**

Illum 4 ta' Lulju, 2013

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 306866 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-4 ta' Gunju, 2011 ghall-habta ta' 5.35pm. waqt li kien fir-residenza matrimonjali f'Hal Tarxien;

1. Ingurjajt u/jew hedded lil martu Maria Victoria Manicaro bi kliem, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.
2. Fl-istess cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil martu Maria Victoria Manicaro biza` li ser tintuza vjolenza

konriha jew kontra l-propjeta` taghha jew kontra il-persuna jew il-propjeta ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artiklu 222(1) tal-kodici kriminali.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni skond l-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u kif wkoll tapplika l-artiklu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan ghas-sigurta ta’ Maria Victoria Manicaro.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ Settembru, 2011 fejn Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 339 (1)(e), 251B(1), 412C u 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu xahar priguenerija sospiz ghal sentejn ai terminu tal-Artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant pprezentat fil-5 ta’ Ottubru, 2011 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka is-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tilliberah minn kull htija u piena skond il-ligi jew sussidjarjament billi, f’kaz ta’ sejbien ta’ htija, tapplika piena iktar konfacenti mac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

L-esponent jilminta mis-sejbien ta’ htija fuq iz-zewg imputazzjonijiet. Fir-rigward ta’ l-ewwel imputazzjoni l-espoenent jissottometti li gjaladarba kienet l-istess martu li bidet tinsulentah u tingurjah u huwa wiegeb lura bl-istess mod, tali agir jeskulpah ghaliex kien pprovokat u bil-mod kif irreagixxa, ma jistax jigi ritenut li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni. Huwa rrisponda ghall-insulti b’insulti u rrisponda ghall-ingurji bi kliem simili. Fl-ebda hin ma mess lil martu u lanqas fl-ebda hin ma pprova jhebb ghaliha.

Dan kollu hu korroborat mhux biss mill-affidavit ta’ WPS 167 J. Grech izda anke mill-fatt li l-Ewwel Qorti sabet lil martu hatja li nsulentat u offendiet lill-esponent u kwindi emmnet li kienet hija li bidet bl-insulti u l-inguriji u kienet hija li pprovokat lil zewgha.

Dwar it-tieni imputazzjoni, l-esponent dejjem cahad li hu qal il-kliem li martu allegat ma WPS 167 Grech, anke fil-pedana tax-xhieda quddiem l-ewwel Qorti. Huwa spjega l-fatti kif graw dwar l-insulti u l-ingurji. Mill-banda l-ohra fil-kontro-ezami ta’ martu, minkejja li hi kienet ammettiet mal-pulizija li kienet nsultat, offendiet u bezqet lil zewgha, hija cahdet dan kollu fix-xhieda taghha u cahdet li qatt qalet lill-pulizaija dak li l-istess pulizija nizzlet bhala l-verzjoni taghha dwar l-incident. Hawn jigi rilevat li martu, bhal l-esponent, kienet giet notifikata bl-affidavit tal-pulizija ghaliex hi wkoll giet akkuzata, izda minkejja li kienet taf b’dak li nizzlet il-pulizija bhala l-verzjoni taghha, ghazlet li ma tingungix lill-istess pulzija ghal-kontro-ezami u sabiex tmeriha dwar dak li nizzlet fl-affidavit taghha. Hi kienet taf li skond l-affidavit tal-pulizija, din kienet nizzlet li hi kienet qaltilha li hi kienet offendiet, inslutat u bezqet lil zewgha u kieku daq li qaltilha (u nizzlet il-pulizija fl-affidavit taghha) ma kienx minnu, hi messha tellghet l-istess pulizija tixhed u tikkonfrontaha b’dak li kitbet. L-agir ta’ martu li tammetti mal-pulizija dak li ghamlet hi dakinhar pero imbghad tichad bil-gurament li ghamlet dawk il-fatti u tichad ukoll li anke ammettiet dawk il-fatti mal-pulizija jirrendiha mhux kredibbli u abbazi ta’ dan u tac-cahda tal-appellant dwar l-allegat diskors, l-ewwel Qorti kellha tillibera lill-esponent mit-tieni imputazzjoni ghaliex ma gietx pruvata minghajr dubju dettat mir-ragun.

Fl-ahharnet l-esponent jilminta mid-disparita bejn il-piena nflitta fuqu u dik moghtija lil martu specjalment tenut kont tal-fatt li l-argument li wassal sabiex it-tnejn li huma jigu mressqa quddiek il-Qorti gie pprovokat mill-istess martu.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mil-provi illi appellant u martu Maria Victoria ghaddejjin fi process tas-separazzjoni. Fl-erbgha (4) ta’

Gunju elfejn u hdax (2011) l-appellant kien qed ilesti biex johrog u staqa lil ibnu sabiex igiblu z-zarbun u t-tifel irrifjuta u baqa' fejn kien jilghab bil-kompjuter. L-appellant irrabja u bir-rabja li kellu kisser il-keyboard. Martu, Maria Victoria, ippruvat tipprotegi lit-tifel u qam argument shun bejn l-appellant u martu fejn bdew jinsulentaw u joffendu lil xulxin u anke jobzqu lil xulxin. Maria Victoria Manicaro tghid illi l-argument beda mal-appellant meta ratu johrog ic-cintorin ghat-tifel u ippruvat tiddefendi lit-tifel u lilha stess. Irrakkuntat kif kien hemm hafna incidenti mar-ragel u kienet soggetta ghal vjolenza domestika b'mod regolari u sistematiku. Kull meta waqfitlu, l-appellant jirritalja u jkun vjolenti maghha. Mhux veru li bdiet taghmel sinjali lit-tifel sabiex ma jgibx iz-zarbun, izda l-appellant mal-ewwel jitlaghlu u jinfexx fi vjolenza kull meta jkun kontradett minn xi hadd minn tal-familja.

L-appellant ukoll jikkonferma din is-sensila ta' glied li hemm bejniethom. Jghid illi ghandhom tlett (3) itfal jghixu maghhom u martu Maria Victoria bdiet taghmel sinjali lit-tifel biex ma jmurx igiblu z-zarbun. Veru illi bir-rabja li kellu kisser il-keyboard però xorta xtralu iehor. Kien hu l-ewwel li bezaq fuq martu u martu rrispondiet. Martu tipprovokah kontinwament. Mhux veru li qal xi diskors li ried jehles minn martu imma jammetti li tghajjir kien hemm. L-appellant jammetti li ma kienx hemm diskors bejnu u bejn martu meta kien qal lit-tifel igiblu z-zarbun. Kien hemm sinjali biss min-naha tal-mara lejn it-tifel biex ma jmurx. Kien veru li hareg ic-cintorin però dana hargu biex ibezza' lit-tifel, mhux biex juzah. Kien hemm cirkostanzi ohra meta offenda lil martu u hi offendietu wkoll.

L-appellant argumenta illi filwaqt illi huwa ma cahadx illi kien hemm insulenti, dawn kienu jigu wkoll min-naha l-ohra. B'daqshekk ma kienx haqqu piena ta' prigunerija sospiza. L-appellant dejjem cahad illi hedded lil martu ghad illi ammetta insolenzi u bezaqilha. Martu mhiex kredibbli il ghaliex ghandha l-mira ta' vendikazzjoni quddiemha kull meta hi taghmel xi rapport fil-konfront tieghu. U ghalhekk kellu jigi liberat minn dawn l-akkuzi.

Ikkunsidrat:

Minn ezami akkurat tal-komparixxi, din il-Qorti ssib illi l-ewwel akkuza titkellem ukoll dwar ingurja minbarra theddid u insulenzi. U ingurja kien hemm zgur kif ammetta l-istess appellant. Din il-Qorti ssib li l-provokazzjoni kienet gejja mill-appellant meta huwa rreagixxa b'mod sproporzjonat u illogiku ghat-talba tieghu illi t-tifel igiblu z-zarbun. U r-reazzjoni tal-appellant illi johrog ic-cintorin, jindika car illi kien dispost juza l-vjolenza jekk inhija necessarja. Kien ghalhekk illi interveniet martu Maria Victoria biex dana ma jsirx u l-argument sahan meta l-partijiet bezqu lejn xulxin. Evidentement l-appellant huwa persuna ta' nicca qasira, malajr jitlaghlu, u jqis ruhu provokat ghal xejn b'xejn. L-istorja ta' kwistjonijiet, theddid, u vjolenza bejn u bejn martu hija twila u din zgur ma tghinx biex tbatti dawn l-incidenti illi regolarment qieghdin iqumu bejniethom. Forsi b'din is-sentenza l-appellant jifhem illi ma jistax ikun jibqa' sejjer hekk, illi jaqbillu jasal ghal separazzjoni konsenswali u jehles mill-problemi milli jibqa' fihom u jkun soggett ghal dawn it-tipi ta' kawzi kull darba jitlaghlu u juza xi forma ta' vjolenza kontra uliedu u martu.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi fuq il-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti dina setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. U ghalhekk mhux il-kaz illi din id-deskrizzjoni tigi disturbata. Ghal dak illi jirrigwarda l-piena l-Qorti jidhrilha illi xahar prigunerija sospizi ghal sentejn f'dawn ic-cirkostanzi hija meritevoli. Il-principju regolatur huwa li mhux normali illi tigi disturbata din id-deskrizzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun fil-parametri tal-ligi u ma jkunx hemm indikazzjoni illi se tigi applikata piena flok ohra. F'dan il-kaz ma hemmx; il-piena hija fil-parametri tal-ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi din ukoll tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------